KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 07/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 07

*L-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros - *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kien hemm l-ebda membru assenti għal din il-laqgħa.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 06 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Talba għall-parkeġġ tal-ambulanza quddiem Casa Hope li bdiet topera bħala dar tal-anzjani speċjalizzata bħala *Mentali Health facility*. Il-membri qablu li titressaq din l-applikazzjoni fid-dawl li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kaxxa simili hija wkoll permissibbli bil-linji gwida ta' Transport Malta. Fuq l-applikazzjoni tat-tieni kaxxa tal-ambulanza kif mitluba minn Casa Paola li kienet diskussa f'laqgħat preċedenti, il-membri qablu li din l-applikazzjoni tkun ukoll imwassla għand Transport Malta bid-dettalji kollha relatati kif ukoll b'nota li turi kif għalkemm qed jintlaqgħu bosta applikazzjonijiet għall-parkeġġi riservati l-ebda skema mi qiegħda taħseb għall-parkeġġ għar-residenti.

*Il-Kunsillier Ivan Bartolo daħal issa.*

3.2. Suġġeriment sabiex issir reviżjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-akwata tal-*Carters Supermarket.* Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jasal għand Transport Malta.

3.3. Ittra sabiex l-impjegat Keith Parnis jitla *notch* fl-iskala skond il-ftehim kollettiv tal-impjegati li jaħdmu fil-Kunsilli Lokali. Il-membri approvaw.

4. **<u>Rendikont Milied 2019</u>**

4.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni dwar it-tiżjin tal-Milied fejn qal li kien hemm għaqdiet li mxew mar-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll oħrajn li għamlu sforz. Fuq l-attività tal-Milied huwa reġa' sostna li kien xettiku li l-attività tal-Milied timxi u infatti sfortunatament ir-riżultat ma kienx b'saħħtu daqs kif tkun normalment fil-Milied.

4.2. Il-Kunsillier Arqueros qalgħet li nnotat ukoll nuqqas ta' organizzazzjoni anke fuq l-immaniġġjar tat-traffiku fl-istess attività. Hija qalgħet ukoll li mhux sewwa li jintużaw il-bżieżaq sabiex isir tiżjin minħabba wkoll dannu għall-ambjent.

4.3. Il-Kunsillier Camilleri qal illi irridu naraw ukoll kif jingħalqu t-toroq sabiex naraw li ma noħolqux inkwiet żejjed.

4.4. Il-Kunsillier Bartolo qal li qed jintefqu ħafna flus fuq attivitajiet żgħar u minflok għanda issir attività kbira fil-Milied u jsir Villaġġ tal-Milied mifrux fuq numru ta' ġranet.

4.5. Is-Sindku qal li jaqbel ma dawn il-punti u jkun għaqli li issir diskussjoni kmieni u naraw li l-attivitajiet ikunu ta' livell bħal ma kienet l-attività li sargħet mal-Għaqda Kristu Sultan.

4.6. Il-membri iddiskutew ukoll l-attività li fiha għandom jingħataw il-premjijiet tal-kompetizzjoni tal-armar tal-Milied u qablu li din issir fil-31 ta' Jannar.

## 5. Skema LC Care

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-membri illi l-Kunsill Lokali Paola kien ser jingħata l-ammont ta' €8,000 b'rabta mal-applikazzjoni li biha ser isir proġett b'risq l-annimali. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet li issa tixtieq li issir laqgħa għall-dawk kollha li jieħdu ħsieb l-annimali fil-lokalita sabiex jiġi diskuss dan il-proġett kif ukoll inizjattivi oħra li jistgħu isiru b'risq l-annimali. Il-membri qablu.

## 6. Karnival

6.1. Is-Sindku qal li reġa' ġej żmien il-Karnival u għaldaqstant kien qed jipproponi li l-Kunsill jerġa jagħmel attività bħal ma kien sar fis-sena 2019 liema attività kienet suċċess kbir. Il-membri qablu li issir din l-attività li tinkludi sfilata u programm ta' żfin fil-Pjazza quddiem il-Knisja. Il-membri qablu.

## 7. Dramm Anzjani u ALP

7.1. Il-Kunsilliera Arqueros informat lill-membri illi kienet qed taħdem fuq dramm li ser isir flimkien mal-anzjani taċ-Ċentru Anzjanità Attiva u l-istudenti tal-iskola ALP. Kompliet li dan ser isir fl-20 ta' Frar u l-membri qablu wkoll li jkunu mistednin l-anzjani li jinsabu fid-djar tal-anzjani.

7.2. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet li marbut ma dan id-dramm ser ikun hemm ukoll xi spejjeż. Wara diskussjoni il-membri qablu li jivvutaw is-somma ta’ €8,000 b’risq id-dramm u l-attività tal-Karnival. Hija xtaqet tirringrazzja wkoll lid-Drama Unit tal-ministeru tal-Edukazzjoni kif ukoll lis-Sur Augusto Cardinale tal-għajnuna għal dan id-dramm.

## 8. Ġnien Dom Mintoff

8.1. Is-Sindku informa lill-membri illi qed jasal fl-aħħar ix-xogħol fuq id-dokument tad-*design contest* tal-monument li ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Dipartiment għall-Gvern Lokali li kienu vvutati għal dan il-Ġnien. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Bartolo is-Sindku qal li l-baġit tal-Kunsill huwa €100,000 skond il-fondi mogħtija lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-proċess li mistenni jiftaħ fi tmiem Jannar bidu ta’ Frar.

8.2. Il-Kunsillier Axisa qal li tkellem mal-Fondazzjoni għaż-żoni turistiċi li qed jieħdu ħsieb il-ġnien u kompla illi wasal iż-żmien li jkun ċċarat minn ser jieħu tassew ħsieb dan il-ġnien. Is-Sindku żied illi huwa irid jiltaqa’ mal-Ministri ġodda hekk kif hemm bosta pendenzi fil-proġetti mibdija mill-Gvern Ċentrali fil-lokalita.

8.3. Il-Kunsillier Bartolo saħaq li hemm bżonn illi naraw l-punti li hemm ħżiena fil-pjazza kif ukoll il-possibilità li isir monument li jfakkar il-Granmastru De Paule fl-istess Pjazza De Paule.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn membri tal-Museum tal-bniet fid-dawl li jixtieqU li l-parti tal-mużew fi Triq Santa Monika isir jisimha għan Ġannina Cutajar li bdiet il-mużew tal-bniet fil-lokalità. Il-membri qablu li l-proposta titressaq lill-Kumitat għat-tismija tat-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li ser jara wkoll l-kwistjoni tal-ismijiet tat-toroq ta’ wara ċimiterju.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsillier Delezio qalgħet li għandna naraw li l-knis għandu isir b’mod tajjeb hekk kif hija rat lill-kennies u ma ħassitx li kien qed jagħmel xogħol tajjeb u xtaqet li tinġibed l-attenzjoni.

10.2. Il-Viċi Sindku xtaq illi jgħid li kien avviċinat minn membru ta' għaqda minn barra l-lokalita li jixtiequ jtellgħu dramm tal-Ġimgħa l-Kbira fil-lokalita is-sena d-dieħla. Il-membri iddiskutew dan u qablu li għandu ikun hemm diskussjoni aktar il quddiem flimkien ukoll mal-Kunsilliera responsabbli mill-kultura Yvonne Arqueros. Il-Kunsillier Axisa qal ukoll li jkun sabiħ li isir dokumentarju qasir bħala filmat.

10.3. Il-Kunsillier Axisa xtaq jissuġġerixxi li l-attività tal-Halloween tkun organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien mal-organizzaturi li ħadu ħsieb l-attività tal-2019 fid-dawl li kienet suċċess. Il-membri qablu li nitkellmu aktar il-quddiem u tkun organizzata mill-Kunsill fil-Pjazza.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 07 għas-somma ta' €43,899.43.

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 12 ta' Frar 2020.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku